MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 96/2003

**Ean Malta Association**

**vs**

**Victor Hili**
It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"L-assocjazzjoni attrici qed titlob is-somma ta' erba' mija sebgha u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm487.50) minghand il-konvenut rapprezentanti bilanc ta' kontribuzzjonijiet dovuti ghas-snin 2002 u 2003 ai termini ta' l-istatut ta' l-Ean Malta.

Wara illi rcieva l-ittra legali datata 30 ta' Gunju 2003 (Dok B), il-konvenut hallas is-somma ta' Lm50 mill-bilanc li kien hemm dovut fl-ittra biex illum hemm il-bilanc pendenti ta' Lm487.50.

Bl-imghax mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez."

Ra r-risposta:

1. "In linea preliminari, l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li s-servizzi allegatament rezi mis-socjeta' attrici, dawn saru fuq ordni u fl-interess tas-socjeta' Victor Hili & Sons Ltd. u mhux tal-eccipjenti presonalment;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-ammont pretis mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut mill-eccipjenti u fi kwalunkwe kaz huwa ammont eccessiv;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut isostni li ma kienx hu personalment li kkuntratta mal-assocjazzjoni attrici, imma s-socjeta' Victor Hili & Sons Ltd li taghha huwa direttur.

Illi l-procedura quddiem dan it-Tribunal timponi obbligu fuq il-konvenut li jekk huwa jaf jew ihoss li m'huwiex il-legittimu kontradittur, hu personali jgharraf lil dan ix-xi hadd iehor bit-talba biex hu jkun jista' jirrispondi ghat-talba li tkun saret. U din tohrog mill-formola tar-risposta innifisha.

Illi tabilhaqq, fuq l-ewwel faccata tal-formola numru 2, cioe' l-formola tar-risposta, hemm stampat hekk: *Jekk inti tahseb li xi hadd iehor ghandu jhallas it-talba, sew **kollha kemm hi** sew parti minnha, inti ghandek tindika min hi dik il-persuna u tinnotifikaha b'kopja tat-talba maghmula kontrik, ir-risposta tieghek, l-avviz lil terza persuna u formola vojta ta' risposta.* Issa din il-formola hija maghmula mil-legislatur, u turi r-rieda tieghu li quddiem

it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikun ammess il-kjamat fil-kawza sahansitra meta l-konvenut originali jkun estraneju ghat-talba tal-attur; cioe'ma jkunx il-legittimu kontradittur.

Issa l-prattikant tal-ligi, li l-hsieb u sahansitra s-subkonxju tieghu ikunu maghgunin sewwa bir-regoli tal-procedura civili kif esposti fil-Kap 12, irid jipprova jiftakar il-hin kollu li dan it-Tribunal m'huwiex Qorti kostitwita taht l-istess Kap 12 u ghalhekk ir-regoli ta' procedura ivi preskritti ma japplikawx ghal dan it-Tribunal. Anzi dan it-Tribunal gie kkoncepit proprju bhala alternattiva snellita mill-formalitajiet rikjesti quddiem il-Qrati u ghalhekk iktar spedituz. Ghal dak li jirrigwarda l-proceduri quddiemu, il-gudikatur ghandu diskrezzjoni wiesa, prattikament *carte blanche.* Hija r-regola generali li l-gudikatur tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar jirregola l-procedimenti quddiemu kif ikun jidhirlu xieraq skond id-dettami tal-gustizzja naturali (Artiklu 9(1) Kap 380). Huwa indikattiv ta' kemm il-legizlatur ma jridx li t-Tribunal ma jkunx imxekkel bir-rit procedurali intiz ghal kawzi ta' valur kbir li sahansitra obbliga lill-gudikatur (art 9 (2)(b) Kap 380) li jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritjera li biha jista' jasal biex jaqta' kaz li jkun qed jitratta. L-unika regoli li l-gudikatur huwa marbut bihom huma r-regolamenti maghmula in forza tal-artiklu 16 ta' Kap 380 li fost ohrajn jistghu jifformolaw il-procedura ta' quddiem it-Tribunal u jistabbilixxu l-formoli li ghandhom jintuzaw fi procedimenti quddiem it-Tribunal. Hekk jaghmlu r-regoli tal-1995 dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (A.L. 145 tal-1995 kif sussegwentement emendat). Il-gudikatur ikun marbut bir-regoli ta' Kap 12 biss fejn huwa espressament obbligat b'dawn ir-regolamenti, per ezempju fil-kaz tal-Kuraturi (Art 13 Kap 380), u fil-kaz tan-notifiki tat-talba, kontro-talba, risposta ghall-kontro-talba u avviz lil terzi li ghandhom isiru skond Artiklu 187 ta' Kap 12 (Art 15, Kap 380).

Ghar-rigward il-kaz in ezami, skond Artiklu 6(1) tal-istess regolamenti, jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta

tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha; u sahansitra tobbligah li jinnotifika lil tali terzi. Dan l-obbligu imbaghad huwa migjub ghall-attenzjoni tal-konvenut fuq il-formola numru 2 u cioe' formola ghar-risposta mahruga permezz tal-Avviz Legali 168 tal-1995. Hemm ukoll Formola 6 li hija Avviz lit-Terza Persuna li l-konvenut irid jiehu hsieb li jimla'.

Filwaqt li quddiem il-Qrati, il-kjamat fil-kawza jigi mitlub lill-Qorti, quddiem it-Tribunal il-konvenut (jekk mhux ukoll l-attur) huwa addirittura <u>obbligat li jsejjah huwa stess, bla ma jitlob digriet mit-Tribunal</u> il-kjamat fil-kawza, u dan **sahansitra anke jekk jidhirlu li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur.** Dan naturalment il-ligi tawtorizzah, anzi, tesigih, fl-interess ta'gustizzja spedituza u sommarja li hija iktar u iktar mistennija fil-kaz ta' talbiet ta' siwi ckejken, hielsa kemm jista' jkun mill-formalitajiet procedurali. F'din il-kawza, ghalhekk, il-konvenut kien obbligat li jindika min ghandu jkun il-kjamat in kawza u jsejjhulu huma stess, u mhux sempliciment jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur.

Illi dan in-nuqqas tal-konvenut ma jgibx mieghu il-konsegwenza li allura huwa necessarjament responsabbli personalment, imma dan it-Tribunal ihoss li ghandu jirrileva dan kollu sabiex ma jibqghux isiru semplici eccezzjonijiet preliminari simili minghajr ma l-konvenuti jottemperaw ruhhom mal-ligi.

Il-ftehim sar bil-miktub fuq il-formola tal-applikazzjoni Dok EMA-1 esibit a fol 19. L-applikant huwa indikat bhala “Victor Hili” u ffirma l-istess Victor Hili. Imkien fuq din l-applikazzjoni ma hemm imsemmija s-socjeta' Victor Hili & Sons Ltd. Il-konvenut argumenta li huwa ffirma ghan-nom ta' din il-kumpannija billi hemm in-numru tal-VAT tal-istess kumpannija u wkoll billi hdejn il-firma tal-konvenut fejn hemm stampata l-kelma “Position” hemm miktub “Director”. Di piu', sostna li sussegwentement saru zewg hlasijiet mill-istess kumpannija, fil-24.11.2000 u fil-15.12.2000 rispettivmanet u gew rilaxxjati d-debiti ricevuti mill-assocjazzjoni attrici favur l-istess kumpannija, Dok VH1 u VH2 esibiti a fol 29.

Min-naha l-ohra, jirrizulta li sar pagament iehor, ta' LM50, minn Victor Hili personalment, u giet rilaxxjata d-debita ricevuta fiskali favur "Mr Hili Mgarr Supermarket (Gozo) – Dok EMA-2 esibita a fol 20. Waqt it-trattattivi, qabel ma ntliet il-formola tal-applikazzjoni, inkitbet ittra fil-23.10.2000 lil certa *Ms Simone* fl-indirizz li jibda *Victor Hili and Sons* (mhux segwita bil-kelma *Limited)* – dok VH3 esibit a fol 33; imbaghad wara l-applikazzjoni ghas-shubija mal-assocjazzjoni attrici intbghatet ittra ohra fis-26.10.2000 indirizzata lil *Mr Hili* fl-indirizz ta' *Mgarr Discount Supermarket-* Dok VH4 a fol 34. Fis-26.10.2000 gie rilaxxjat *Certificate of Allocation* lil *Mgarr Discount Supermarket* – Dok VH 5 a fol 35. Fil-30.06.2003 inkitbet ittra li titlob il-hlas mill-avukati tal-assocjazzjoni indirizzata lil *Mr Victor Hili* –Dok B a fol 5; u ghal din l-ittra wiegeb il-konvenut li ma qalx li kellha thallas il-kumpannija tieghu anzi hallas hu personalment LM50 kif fuq indikat; fl-4.08.2003 inhareg statement indirizzat lil *Mgarr Discount Supermarket* - Dok A esibit a fol 4.

Illi x'gara waqt in-negozjati li pprecedew il-ftehim u x'gara wara jistghu ikollhom il-piz taghhom jekk il-ftehim ma jkunx bil-miktub, jew ghalkemm dan ikun miktub ikun hemm dubbju dwar min kienu l-partijiet kontrahenti. Ghax kif inhu maghruf, *contra scriptum non est argumentum.*

Illi dan huwa konsegwenza wkoll tal-principju generali fil-ligi u senjatament dak li hemm stipulat fl-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** li jghid li "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi kif inghad fis-sentenza **"General Cleaners Co Ltd vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) deciza fid-29 ta' Novembru 2001 - Cit Nru 2487/97/RCP) fejn giet citata ddecizjoni ndikata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi ntqal inoltre li "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I.,p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi ghalhekk it-Tribunal jista', anzi ghandu, jieqaf hawn, ghax mill-iskrittura Dok EMA-1 jidher bla ebda ekwivoku li kien qieghed jikkuntratta l-konvenut Victor Hili, u hadd iktar. Il-fatt li hemm indikat li hu direttur, jew li hemm in-numru tal-VAT tal-kumpannija tieghu – bla ma din ma tissemma' mkien - m'humiex bizzejjed biex ikun immanifestat, b'mod car, li Victor Hili ma kienx qieghed jikkuntratta f'ismu personali, imma *nomine*. Fil-kawza fl-ismijiet "**Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef**" (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, fejn il-fatti kienu simili ghal dawk in ezami, inghad *"Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna**" (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, intqal: *"Illi hija haga millewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta'attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta' attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"*.

Illi l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward Borg)**" deciza fl-10 ta' Mejju 1990, qalet illi: *"La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel."* F'dak il-kaz ukoll fil-kitba kollha li giet skambjata bejn il-kontendenti ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-konvenut kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' *limited liability company*, u ghalhekk il-Qorti ddecidiet li l-konvenut kien personalment responsabbli ghall-hlas.

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Stellini noe. vs Emmanuel Cassar**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April 1993, intqal illi *"din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur …... seta' ta lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent".*

Illi anki kieku kellu jinghad, ghall-grazzja tal-argument, li kien hemm xi dubbju dwar min kien il-veru kontrahent fil-ftehim fuq imsemmi – dubbju li jrid jeskudih il-konvenut – ma hemmx provi sufficjenti idonei biex jirribattu dan id-dubbju, ghax il-preponderanza tal-korrispondenza skambjata kemm qabel kif ukoll wara l-ftehim tindika li l-konvenut kien fil-fatt qieghed jikkuntratta personalment. L-unici drabi fejn tissemma' l-kumpannija tal-konvenut hija f'zewg ricevuti korrispondenti ghal zewg cekkijiet mahrugin minn din il-kumpannija. Dan pero' ma kienx ikun bizzejjed biex jelimina d-dubbju – dejjem kieku dan kien jesisti - ghax kwalunkwe terza persuna tista' teffettwa pagament ghal haddiehor, apparti li kien hemm okkazjoni li l-konvenut anke hallas personalment.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, dawn ma gewx sostnuti bil-provi, filwaqt li t-talba attrici giet sodisfacentement ippruvata mill-provi minnha mressqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut; jilqa' t-talba tal-assocjazzjoni attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM487.50 ammont dovut ghar-ragunijiet dedotti fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------